# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tal-25 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 500/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**RP**

**Vs**

**SP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RP datat 19 ta' Settembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg illi qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Patricia Vella Haber data il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de lege ghal kwazi hdax-il sena;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom hdax-il sena mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja*

*totalment separata minn ma' xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda provvediment ghall-manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni sucitat u ghalhekk ma hemm xejn dovut;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jtilob bir-rispett lil din l-onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata li taqra hekk (Vide Fol 13)

1. *Illi hija m'ghandhiex opposizzjoni ghat-talbiet tal-attur salv pero' li m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.*

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2023 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-partijiet ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 15)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 7) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 1991 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Settembru 2011 u ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal kwazi hdax (11) -il sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum it-tnejn maggjorenni. Iddikjara illi hadd mill-kontendenti ma hu obbligat li jghaddi manteniment lil xulxin. Kompla jixhed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 14) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha u sostniet li ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 1991, liema zwieg jgib certifikat numru 2329/1991 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber nhar il-15 ta' Settembru 2011 (vide Dok 'B' fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2329/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**